**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2024**

Numru 16

**Appell Nru. 26/2023**

**Roland Camilleri u Alfred Schembri**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar u**
**l-kjamat in kawza Catherine Abdilla**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terz interessat Roland Camilleri tad-29 ta' Mejju 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-11 ta' Mejju 2023 li iddikjarat l-appell tat-terz fuori termine. Dan l-appell kien in konnessjoni ma' permess PA7223/18 favur Catherine Abdilla ghall-proposta "Proposed new basement and overlying residential units in rear block, including new elevation for rear block within development approved in application PA/04524/15 and sanctioning of balconies overlying Triq San Benedittu", fil-fond 107, 109, Triq San Benedittu, Kirkop;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi milqugh;

Rat ir-risposta tal-applikant li irremettiet ruhha ghal gudizzju tal-Qorti;

Rat l-atti kollha;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal safejn rilevanti ghal dan l-appell:

Illi fil-mori tal-appell, l-applikanta (illum il-permit holder) qed teccepixxi b'mod preliminari n-nullita` tal-appell odjern billi taghmel referenza ghal subartikolu 80(3) tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta u tinsisti li l-appell gie ntavolat b'mod tardiv.
…
Illi b'mod premilinari, dan it-Tribunal jirreferi ghall-Artikolu 13 subinciz (1) tal-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi dan li gej:
"13. (1) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, appell jista' jiġi ppreżentat quddiem it-Tribunal fi żmien tletin ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fis-sit elettroniku tadDipartiment tal-Informazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar:
Iżda appelli minn deċiżjonijiet li ma hemmx bżonn li jiġu pubblikati, għandhom jiġu ppreżentati quddiem itTribunal fi żmien tletin ġurnata mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni."

Illi dan l-appell gie natvolat wara li l-partijiet terzi ressqu talba lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex il-permess PA 7223/18 jigi revokat ai termini tal-Artikolu 80 tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta, u liema talba giet michuda mill-Bord tal-Ippjanar waqt isseduta tas-6 ta' Mejju tal-2021, skont l-estratt a fol 207A fl-inkartament tal-applikazzjoni odjerna. Illi l-Artikolu 80 li jirregola lprocedura ta' revoka jew tibdil ta' permess jaghti dritt ghal appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar quddiem dan it-Tribunal, u dan skont is-subartikolu 3 li jesigi s-segwenti:
(3) L-applikant, jew il-persuna interessata li qed tagħmel talba taħt dan l-artikolu, jekk iħossu aggravat middeċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Ippjanar, għandu d-dritt li jappella d-deċiżjoni tal-Bord tal-Ippjanar quddiem itTribunal **fi żmien tletin ġurnata mid-data tas-seduta meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet**. (enfasi mizjuda mit-Tribunal)

Illi mill-estratt tal-subartikolu 80(3) surreferit johrog bic-car li appell intavolat minn talba ta' revoka ghandu jitressaq quddiem dan it-Tribunal fi zmien tletin gurnata mid-data tas-seduta meta d-decizjoni tkun ittiehdet. Illi kif rilevat supra, id-decizjoni tal-Bord talIppjanar fil-konfront tat-talba in kwistjoni ittiehdet nhar is-6 ta' Mejju tal-2021 filwaqt li dan l-appell gie rregistrat fit-8 ta' Gunju tal-2021.

In vista' ta' dak suespost, huwa evidenti li dan l-appell gie prezentat b'mod tardiv u oltre t-terminu preskritt mill-ligi, filwaqt li lappellanti minn naha taghhom ma ressqu l-ebda prova li turi mod iehor.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jilqa' l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-permit holder u jiddikjara dan l-appell bhala wiehed null stante li gie prezentat tardiv u konsegwentament qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu semplici. Qed jissottometti illi l-appell kellu jigi prezentat fi zmien tletin jum mid-data tal-pubblikazzjoni tad-decizjoni. Billi l-ahhar jum ghal prezentata tal-appell cioe l-5 ta' Gunju 2021 kien is-Sibt u fil-fatt hekk gie prezentat elettronikament l-appell gie registrat mit-Tribunal fl-ewwel jum ta' xoghol cioe fit-8 ta' Gunju 2021. Ghalhekk ma kien hemm xejn irregolari fil-prezentata tal-appell.

Din il-Qorti taqbel mal-appellant.

L-artikolu 80(3) tal-Kap. 552 jghid hekk:

> L-applikant, jew il-persuna interessata li qed taghmel talba taht dan l-artikolu, jekk ihossu aggravat mid-decizjoni mehuda mill-Bord tal-Ippjanar, ghandu d-dritt li jappella d-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar quddiem it-Tribunal fi zmien tletin ġurnata mid-data tas-seduta meta d-decizjoni tkun ittiehdet.

Hu pacifiku bejn il-partijiet li d-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar ittiehdet fis-6 ta' Mejju 2021 u ghalhekk it-terminu tal-appell kien jaghlaq fil-5 ta' Gunju 2021 li inzerta s-Sibt. L-appell gie prezentat elettronikament f'dan l-ahhar jum tal-5 ta' Gunju 2021 kif jidher mid-dokumenti esebiti mill-appellant. Ma hemmx kontestazzjoni dwar dan kif lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar il-procedura addottata biex jigi prezentat l-appell. Kwindi hu ghal kollox zbaljat it-Tribunal li jqis id-data meta t-Tribunal irregistra l-appell cioe t-8 ta' Gunju 2021 cioe l-ewwel gurnata xoghol wara l-5 ta' Gunju 2021 bhala d-data li fiha jitqies li gie prezentat l-appell. Dan la hu fattwalment korrett u anqas legalment korrett ghax l-artikolu 80(3) ma jitkellimx fuq ir-registrazzjoni izda l-prezentata tal-appell.

Ghalhekk l-appell jisthoqqlu jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tiddikjara l-appell maghmul min Roland Camilleri sar fiz-zmien preskritt fil-ligi u konsegwentement tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-11 ta' Mejju

2023, u tibghat l-atti lura lit-Tribunal ghall-kontinwazzjoni tal-appell. Spejjez ikunu a karigu tal-applikant li ressaq in-nullita tal-appell quddiem it-Tribunal.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur